# TRIBUNAL INDUSTRJALI

# DECIZJONI NUMRU 2529

**Kaz Numru 3426/CC** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Marthese Borg (ID No: 433863(M))**

**u**

**Dougall Tobacco Manufacturing Limited (C 3906)**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 9 ta' Mejju, 2018**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellanti Marthese Borg fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar it-7 ta' Dicembru, 2015, fejn sostniet li t-terminazzjoni tal-impieg taghha kienet wahda ngusta u nvalida fil-ligi. Is-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra cahdet dawn l-allegazzjonijiet.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm tmien (8) seduti fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien xahar kif stabbilit mil-ligi, minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

- **Rapprezentanza**

Marthese Borg li minn issa l-quddiem ser tissejjah l-Appellanti kellha l-assitenza ta' Dr. Abigail Critien.

Dougall Tobacco Man. Ltd., li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta' ntimata kienet rapprezentata minn Joseph A. Dougall, assistit minn Dr. Anna M. Portelli u aktar tard ukoll minn Dr. Leslie Cuschieri.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellanti kienet giet ingaggata mas-Socjeta' ntimata fit-30 ta' Settembru, 2014, u dan bhala *Trainee.* Tali mpjieg kien gie fi tmiemu nhar l-10 ta' Settembru, 2015, wara argumentar dwar doveri li hija kienet imqabbda taghmel u l-hin tal-*break.*

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Joseph A. Dougall** beda x-xhieda tieghu billi qal huwa Direttur ta' ntrapriza li jipproducu s-sigarri u li thaddem 10 persuni. Ix-xhud qal li jaf lill-Appellanti ghaliex kienet tahdem mieghu. Huwa kompla li gurnata minnhom ma kienx hemm imgieba kif suppost min-naha tal-Appellanti u kif kien ser itiha '*warning*' hija qaltlu ghaliex ma jaghtijiex tlett *warnings* f'daqqa halli titlaq issa.
Ix-xhud kompla li huwa kien irrispondieha billi qalilha li huwa ma jrid lil hadd fuq qalbu, '…ghidtilha itlaq issa, lanqas *notice*…' u '… li ma nista nirreduci lil hadd fuq skjav…'. Ix-xhud sostna li qalilha '…itlaq issa la m'intiex ghal qalbek hawn, u hekk gara telqet.'
Ix-xhud qal li meta taha l-ewwel *warning* kien ghaliex ma riedetx taghmel xoghol li minn dejjem kienet taghmlu sa mill-ewwel gurnata.
Huwa kompla li dakinhar setghet kellha gurnata hazina u li kieku kellmitu privatament forsi kienu jaslu.
Ix-xhud wara ghadda sabiex ta dettalji tax-xoghol li kienet taghmel l-Appellanti matul il-kwazi sena li ghamlet tahdem fl-azjenda tieghu.
Ix-xhud sostna li l-agir taghha kien li riedet taghzel ix-xoghol hi, tahdem meta u kif trid hi, agir mhux accettabbli kompla x-xhud ghaliex ried izomm ix-xoghol bilancjat u maqsum kif suppost.
Ix-xhud wara ta spjegazzjoni ta' x'gara dakinhar li sehh it-temm tal-impjieg tal-Appellanti.

Huwa qal li hija kienet dahlet ghax-xoghol fis-06.30 u li ghal xi 08.30 dahlet f'salt fl-ufficcju tieghu u qaltlu li ma kienetx sejra tiknes taht il-makni fejn qaltlu '..*take it or leave it..*', u telqet ghall-*break.* Ix-xhud qal li wara kien infurmaha li filwaqt li kien qieghed jaghtija *warning* ordnalha sabiex taghmel ix-xoghol li kienet inghatat, izda baqghet ma tridx taghmlu.
Ix-xhud tenna li kien staqsieha ghaliex kienet qed iggib ruhha hekk u qal li hija qaltlu jaghtija tlett *warnings* f'daqqa halli titlaq minnufih. Huwa kompla li kien wegibha li jekk riedet titlaq setghet taghmel hekk anke minghajr *notice*, u dan ghaliex ma ried izomm mieghu lil hadd fuq qalbu u fil-fatt hija telqet.
Ix-xhud spjega li s-Sibt ta' wara, l-Appellanti giet il-fabbrika fejn huwa haseb li kienet giet biex l-affarijiet jitrangaw izda din kienet giet sabiex tgharrfu li kienet ser tfittxu.

**Marthese Borg**, l-Appellanti, bdiet ix-xhieda taghha billi qalet li hija kienet bdiet tahdem mas-Socjeta' ntimata f'Settembru 2014. Hija qalet li f'xogholha kienet flessibbli billi kienet taghmel xoghol varju. Hija qalet li kuntratt tax-xoghol ma kellhiex, pero' meta ghamlet l-*interview* li kienet wara li hija kienet applikat, din kienet ghall-post ta' *operator*. Hija qalet li kellha €150 fil-gimgha bhala paga.
Ix-xhud wara ghaddiet sabiex taghti spjegazzjoni dettaljata tax-xoghol li kienet taghmel. Qalet li xoghol kienet tibda jew fis-06.30/07.00 u tispicca f'xi 15.30/15.45. Dwar il-*break*, hija spjegat li kellha kwistjonijiet mas-Sur Dougall, ghaliex hija kienet tinsisti li l-*break* kienet trid tiehdu mall-impjegati l-ohra. Hija qalet li gieli kienet tiehdu mall-kumplament tal-impjegati fl-10.15 u gieli wara.
Hija spjegat li fil-jum tal-Hamis, f'Settembru 2015, filghodu hija kienet marret ghand is-Sur Dougall hu qaltlu li l-*break* kienet trid tiehdu fl-istess hin mas-*cigar makers* u hekk ghamlet. Ix-xhud kompliet li appena dahlet lura mill-*break*, Dougall kien nizel mill-ufficcju rrabjat

ghaliex kienet hadet il-*break* mas-*cigar makers*. Ix-xhud stqarret li f'dak il-hin Dougall kien qalilha sabiex tieqaf issa mix-xoghol, ghaliex jekk tkompli ma kienetx ser tithallas, u li kellha *warning*. Ix-xhud qalet li fi stat ta' rabja qaltlu ghaliex ma jaghtiex tlett *warnings*.
Ix-xhud qalet li meta staqsithu ghal xhiex inghatat *warning*, Dougall qalilha ghaliex kienet sfidatu. Ix-xhud qalet li f'dak il-hin hija kienet stiednitu sabiex jitilghu fuq, sabiex jitkellmu hemm. Hija kompliet li meta stqasithu x'ser taghmel qalilha itlaq id-dar u tigi s-Sibt titkellem mall-*Accountant.*
Ix-xhud kompliet li dakinhar tas-Sibt ippruvat tkellmu bit-telefon izda qatalha, u meta marret il-fabbrika flimkien ma' missierha sabiex jissetiljaw kollox, kemm il-paga li kellha tiehu u anke t-*termination letter*, dan (Dougall) laqaha bil-herra u qalilha li biex tkellmu trid taghmel appuntament u dan meta kien hu stess li kien qalilha sabiex tmur tkellmu is-Sibt, sostniet ix-xhud.

Ix-xhud kompliet li l-hlasijiet li kellha tiehu, hadithom wara li kienet marret id-*DIER*. Ix-xhud qalet li t-*termination letter* qatt ma ntbghatet lill-ETC.
Ix-xhud tenniet li qabel l-incident ta' Settembru 2015, qatt qabel ma kienet inghatat *warning*.
Meta kontro-ezaminata, l-Appellanti qalet li hija kienet taghmel doveri varji, pero' ma kienetx taghmel xoghol ta' *cigar maker*, doveri li kienu jaghmlu zewg kollegi ohra taghha fuq bazi ta' *production.*

**Alfred Vella** (missier l-Appellanti) xehed li huwa kien mar ma' bintu jkellem lil Dougall sabiex dan jaghmlilha d-dokumenti necessarji sabiex l-Appellanti tkun tista tirregistra, izda dan kien qalilhom b'ton xejn pulit, li sabiex ikellmuh iridu jaghmlu appuntament.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Dr. Leslie Cuschieri** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata beda billi qal li l-entita' in kwistjoni huwa post tax-xoghol zghir bi ftit impjegati fejn il-flessibilita' kienet mehtiega u fejn fir-rigward tal-impjegati apparti t-tlett s-*cigarmakers,* it-tindif madwar tal-makni u l-madwar irid isir minnhom u dan waqt li tali *cigarmakers* ikunu bil-*break* u dan sabiex ma jkunx hemm *disruption* fil-produzzjoni.
Dr. Cuschieri kompla li filwaqt li din il-prattika giet accettata, l-Appellanti ghamlet hbieb mas-*cigarmakers* u riedet li l-*break* taghha tiehdu maghhom. Haga li kienet tmur kontra d-direzzjnoi moghtija mill-*Employer* sostna l-Avukat.
Dr. Cuschieri kompla li appena l-Employer induna b'dan, ikkonfronta lill- Appellanti u nfurmaha li kien qieghed itiha warning, fejn hija qaltlu b'ton sfidanti ghaliex ma jtihiex tlieta.
Dr. Cuschieri tenna li din ir-reazzjoni min-naha tal-Appellanti kienet tfisser li hija ma kienetx kuntenta tahdem f'dan il-post tax-xoghol u min-naha tal-*Employer* f'mument ta' rabja ghaliex hassu sfidat, qalilha ieqaf minn dak il-hin stess, igifieri ssospendiha. Tant tenna Dr. Cuschieri li kien qalilha sabiex jiltaqghu s-Sibt halli jitkellmu u jirrangaw l-affarijiet. L-Avukat qal li l-Appellanti ma zammitx tali appuntament u meta wara riedet tkellem lill-*Employer* dan irreferiha ghall-*Accountant.*
Dr. Cuschieri nsista li n-nuqqas li tirraporta ghax-xoghol tant ikkonfonda lill-*Employer* li dan minn naha tieghu l-anqas ghamillha *termination of employment* mall-Jobsplus u kien biss meta hija bdiet tinsisti li din issir irrejalizza li hija ma rieditx tibqa' tahdem hemmhekk.
F'dan l-ambitu Dr. Cuschieri jargumenta li allura x'kien l-iskop li jinhargilha *warning* li kieku l-intenzjoni kienet li titkecca.
Dr. Cuschieri ghalaq billi sostna li dan il-kaz ma kienx wiehed ta' tkeccija izda li t-terminazzjoni tal-impjieg giet propju fuq insistenza tal-Appellanti.

**Dr. Abigail Critien** ghan-nom tal-Appellanti bdiet billi rribattiet it-tesi tas-Socjeta' ntimata li kienet propju l-Appellanti li rrizenjat jew li giet sospiza u mhux li giet imkeccija. Dr. Critien sostniet li meta ntqal lill Appellanti '...tergax tersaqli l-hawn aktar ghaliex anke jekk tahdem mhux ser inhallsek..' il-messagg kien car.
Dr. Critien spjegat li ma kienx veru li kien hemm xi regola li l-Appellanti ma setghetx tieghu l-break taghha flimkien mas-*Cigarmakers,* anzi kien mehtieg li hija tkun prezenti waqt li dawn kienu jkunu qeghdin jahdmu ghaliex riedet kienet tifforma parti mill-katina tal-produzzjoni.
Dr. Critien sahqet li kien propju s-Sur Dougall li ma kienx irrispondieha meta l-Appellanti cemplitlu diversi drabi sabiex tkellmu izda huwa qalilha li dakinhar ma kienx hemm l-*Accountant*.
Dr. Critien sostniet li kieku kien veru li l-Employer ma riedx ikecci lill-Appellanti wara l-incident kien jaghmel xi forma ta' kuntatt maghha u jghidilha li tista' terga' tibda tidhol xoghol. Mhux talli ma sarx hekk tenniet Dr. Critien, izda meta hija marret fuq il-post tax-xoghol din giet milqugha b'attitudni arroganti u prattikament keccieha minn fuq il-lok.
Dr. Critien ghalqet billi qalet li l-Principal ghandu dritt jiehu decizjonijiet '*there and then*' bhal tkeccija izda wara jkollu jiffaccja r-riprekussjonijiet kif inhu dan il-kaz.

- **Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal Industrjali nnota sa mill-bidu nett ta' dan il-process li din l-esperjenza qasira ta' xoghol, sa mill-ewwel bdiet fuq binarju xejn intonat u spiccat fuq nota stonata ghall-ahhar. L-Appellanti tghid li kienet applikat u giet intervistata sabiex tkun impjegata bhala *Operator*, izda fil-fatt u dan skond kif giet registrata mall-ETC hija giet ingaggata bhala *Trainee*. Mill-process hareg li kuntratt ta' xoghol qatt ma sar, u allura il-kundizzjonijiet veri w propji tax-xoghol bhal doveri, hinijiet etc., mkien ma kienu definiti b'mod tangibbli.

Di piu, u dan anke gie manifestat b'certu battuti waqt is-smiegh tal-kaz, il-karattri kemm tad-Direttur u anke tal-Appellanti xejn ma kienu kompatibbli u awspikabbli li fuqhom setghet tinbena relazzjoni lavorattiva serena.

Min-naha Direttur li jadotta stil fejn 'l-ordnijiet li jaghti' ma tantx kien ihalli lok li jigu disputati u min-naha l-ohra mpjegata fejn 'l-ordnijiet li tinghata' jekk ma kienux jakkomodawha kienet tikkonfrontahom minghajr wisq esitazzjoni kumplimentuza.

Id-Direttur hargilha '*warning*' ghaliex l-appellanti ma riedetx taghmel xoghol li skont hu gieli ghamlet qabel u hadet il-*break* meta hassitha komda hi u dan mhux fid-direzzjoni li ordna hu, u hi malajr irrispondietu 'ghaliex ma tajtniex tlieta'.

Jibqa' l-fatt pero' li l-kagun tat-tmiem tal-impjieg kien argument li nqala' nhar l-10 ta' Settembru, 2015. Argument li mill-analizi tad-dettalji li hargu matul dan il-process, jidher li 'faqa buzzieqa li kienet ilha tintefah'. Argument li certament ma kienx jimmerita tkeccija sommarja.

L-imma izda tibqa', dan it-temm tal-impjieg kien b'rizultat ta' tkeccija jew kienet l-Appellanti li rrizenjat mix-xoghol meta ma rraportatx ghal diversi jiem wara l-incident tal-10 ta' Settembru, 2015, jistaqsi t-Tribunal? Fejn l-Appellanti tghid li tkecciet u l-*Employer* jghid li kien hemm rizenja jew 'a dirittura' abbandun tal-post tax-xoghol.

Mill-argumenti mqajjma min-naha tas-Socjeta' ntimata b'mod l-aktar qawwi waqt it-trattazzjoni finali, jinghad li meta ntqal lill-Appellanti '.... itlaq minn issa..' ma kienx ifisser li kienet qed titkecca. Jinghad ukoll li min-naha tas-Socjeta' ntimata nftiehem li galadarba l-Appellanti ma rraportatx lura ghax-xoghol wara dak id-diskors kien ifisser li rrizenjat.

Dan it-Tribunal isostni li decizjoni dwar rizenja hija decizjoni serja u mportanti fil-hajja lavorattiva ta' haddiem fejn hemm certi kriterji li jiccaraw jekk ir-rizenja tkunx fil-fatt saret.

Fid-decizjoni tieghu Tribunal Industrjali diversament presdut fid-Decizjoni Nru 1096 Albert Galea vs Mediterranean Film Studious Ltd., liema decizjoni kienet konfermata mill-Qorti tal-Appell kien qal hekk: ' **Ir-rizenja mill-impjieg fiha nnifisha ma tridx tkun ekwivoka. Anzi ghandha tkun limpida fic-carezza taghha. Trid tkun fuq kollox genwina, esplicita, awtentika, maghmula volontarjament u preferibilment bil-miktub. It-Tribunal jirritjeni li rizenja ma ghandha qatt tkun wahda prezunta jew assunta**'.

It-Tribunal iqies dawn l-argumenti min-naha tas-Socjeta' ntimata bhala simplistici wisq sabiex fuqhom seta' jkun konkluz li l-impjieg intemm b'rizenja da parti tal-impjegata. Se mai jekk kien hemm dubju x'ried ikun mifhum wara li l-*Employer* nissel il-frazi '...itlaq minn issa...' kellu jkun l-istess *Employer* li b'xi mod jistaqsi lill-impjegata meta ser tirritorna ghax-xoghol. Jew a dirittura seta' jindikala hu meta ghandha tirritorna ghax-xoghol jekk tali frazi kienet qed tfisser 'sospensjoni' u mhux 'tkeccija'.

- **Decizjoni**

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gie espost f'dan il-process, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellant kienet tkeccija u ma kienetx wahda gusta.

Fic-cirkostanza kollha li ninkwadraw dan il-kaz, it-Tribunal jiffissa l-kumpens dovut lill-Appellant fis-somma ta' €1000. Liema ammont irid jithallas mis-Socjeta' ntimata fi zmien erba' gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**